32004R2077

L 359/28 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 4.12.2004

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2077/2004

tat-3 ta' Diċembru 2004

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' aġenti ta' l-ipproċessar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sustanzi li jnaqqru l-istrat ta' l-ożonu (*ozone layer*) [1], u b' mod partikolari t-tielet sentenza tal-ħmistax-il inċiż ta' l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Jittieħdu in kunsiderazzjoni l-iżviluppi tekniċi u informatiċi ġodda msemmija mill-Panel għall-Evalwazzjoni tat-Teknoloġija u l-Ekonomija fir-rapport ta' progress tiegħu bid-data ta' April 2002 [2] dwar sustanzi kkontrollati wżati bħala aġenti kimiċi ta' l-ipproċessar, l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għandu jiġi emendat bħala riżultat tad-Deċiżjoni X/14 [3] u d-Deċiżjoni XV/6 [4], adottati fl-Għaxar (1998) u fil-Ħmistax-il Laqgħa (2003) tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Montreal, rispettivament.

(2) Aktar speċifikament, id-Deċiżjoni XV/6 iżżied l-aġent ta' l-ipproċessar tetraklorur tal-karbonju għall-produzzjoni taċ-ċiklodimju (solvent); u twaqqaf l-użu tas-CFC-113 bħala aġent ta' l-ipproċessar fil-manifattura tal-vinorelbinju (prodott farmaċewtiku) u l-użu ta' tetraklorur tal-karbonju bħala aġent ta' l-ipproċessar fil-produzzjoni tat-tralometrinju (insettiċida).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(4) Il-miżuri mniżżla f' dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 huwa mibdul bit-test emendat kif imniżel fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-[għoxrin jum] wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-3 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni

Starvros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 244, tad-29.9.2000, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1804/2003 (ĠU L 265, tas-16.10.2003, p.1).

[2] Ir-rapport tal-Panel għall-Evalwazzjoni tat-Teknoloġija u l-Ekonomija, April 2002, Volum 1, Rapport ta' Progress dwar l-Aġenti ta' l-Ipproċessar.

[3] L-Għaxar Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Montreal fl-1998, id-Deċiżjoni X/14: Aġenti tal-Proċess.

[4] Il-Ħmistax-il Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Montreal fl-2003, id-Deċiżjoni XV/6: Lista ta' Użi ta' sustanzi kkontrollati bħala aġenti ta' l-ipproċessar.

ANNESS

"Anness VI

Proċessi li fihom sustanzi kkontrollati jiġu wżati bħala aġenti ta' l-ipproċessar kif hemm referenza għalihom fil-ħmistax-il inċiż ta' l-Artikolu 2

(a) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju għall-eliminazzjoni tat-triklordidu tan-nitroġenu fil-produzzjoni tal-kloru u s-soda kawstika.

(b) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju fl-irkupru tal-kloru fil-gassijiet (*tail gas*) li jiġu mill-produzzjoni tal-kloru;

(c) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju fil-manifattura tal-gomma klorinata;

(d) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju fil-manifattura ta' l-aċetofenun ta' l-isobutil (ibruprofen-analġesiku);

(e) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju fil-manifattura tal-poli-fenilin-tereftalamid;

(f) l-użu tas-CFC-11 fil-manifattura ta' folja fina tal-fibra sintetika tal-polyolefin;

(g) l-użu ta' CFC-12 fis-sintesi fotokimika tal-*perfluoropolyetherpolyperoxide*, prekursuri taż-Z-*perfluoropolyethers* u derivati difunzjonali;

(h) l-użu ta' CFC-113 fir-riduzzjoni ta' perfluoropolyetherpolyperoxide intermedju għall-produzzjoni ta' perfluoropolyether diesters;

(i) l-użu ta' CFC-113 fit-tħejjija ta' perfluoropolyether diols b' funzjonalità għolja;

(j) l-użu ta' tetraklorur tal-karbonju fil-produzzjoni tas-Cyclodime;

(k) l-użu ta' HCFCs fil-proċessi mniżżla fil-punti (a) sa (j) meta jkunu wżati biex jieħdu post is-CFC jew it-tetraklorur tal-karbonju."